C/2026/2090

1.4.2026

Avviż għall-attenzjoni ta' Abd El Hamid Salim Ibrahim Brukan al-Khatouni, li ismu żdied mal-lista msemmija fl-Artikoli 2, 3, u 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, bis-saħħa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/819

(C/2026/2090)

1. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 ([1]) titlob lill-Unjoni tiffriża l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tal-membri tal-organizzazzjonijiet ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u ta' individwi, gruppi, impriżi u entitajiet oħrajn assoċjati magħhom, kif imsemmija fil-lista mfassla skont il-UNSCR 1267(1999), 1333(2000) u 2253 (2015) li għandha tiġi aġġornata regolarment mill-Kumitat tan-NU stabbilit skont il-UNSCR 1267(1999) ("il-Kumitat tas-Sanzjonijiet").

Il-lista mfassla minn dan il-Kumitat tan-NU tinkludi:

— l-ISIL (Da'esh) u l-Al-Qaida;

— persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet, korpi u gruppi assoċjati mal-ISIL (Da'esh) u mal-Al Qaida; u

— persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi li huma proprjetà ta' kwalunkwe wieħed jew waħda minn dawn il-persuni, entitajiet, korpi u gruppi assoċjati, jew li huma kkontrollati minnhom jew jappoġġjawhom mod ieħor.

Atti jew attivitajiet li jindikaw li individwu, grupp, impriża, jew entità huma "assoċjati mal-"ISIL (Da'esh) u mal-Al Qaida jinkludu:

(a) il-parteċipazzjoni fl-iffinanzjar, l-ippjanar, l-iffaċilitar, it-tħejjija jew it-twettiq ta' atti jew attivitajiet li jsiru mill-ISIL (Da'esh) u mill-Al-Qaida jew minn kull ċellola, grupp affiljat, grupp żgħir li jinqata' minnhom jew derivat tagħhom, jew flimkien magħhom, b'isimhom, f'isimhom jew b'appoġġ għalihom;

(b) il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u materjal relatat ma' kwalunkwe wieħed minnhom;

(c) ir-reklutaġġ għal kwalunkwe wieħed minnhom; jew

(d) xi forma oħra ta' appoġġ għall-atti jew l-attivitajiet ta' kwalunkwe wieħed minnhom.

2. Fis-26 ta' Marzu 2026 il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ippromulga ż-żieda tal-entrata ta' Abd El Hamid Salim Ibrahim Brukan al-Khatouni mal-lista tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-ISIL (Da'esh) u tal-Al-Qaida.

Abd El Hamid Salim Ibrahim Brukan al-Khatouni jista' fi kwalunkwe ħin jippreżenta talba lill-Ombudsperson tan-NU, flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ta' sostenn, biex terġa' tiġi kkunsidrata d-deċiżjoni li jiġi inkluż fil-lista tan-NU msemmija hawn fuq. Tali talba għandha tintbagħat fl-indirizz li ġej:

In-Nazzjonijiet Uniti – L-Uffiċċju tal-Ombudsperson
Room DC2-2206
New York, NY 10017
United States of America
Tel. +1 2129632671
Fax +1 2129631300/3778
E-mail: ombudsperson@un.org

Tista' ssib aktar informazzjoni hawn:
https://www.un.org/securitycouncil/sanctions/1267/aq_sanctions_list/procedures-for-delisting

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK (ĠU L 255, 21.9.2016, p. 25, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2016/1693/oj).

3. Wara d-deċiżjoni tan-NU msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/819 ([2]), li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet ISIL (Da'esh) u Al-Qaida ([3]). L-emenda, li saret skont l-Artikolu 7(1)(a) u 7a(1) tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, iżżid l-isem ta' Abd El Hamid Salim Ibrahim Brukan al-Khatouni mal-lista fl-Anness I ta' dak ir-Regolament ("Anness I").

Il-miżuri li ġejjin tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 japplikaw għall-persuni u l-entitajiet li jinsabu fl-Anness I:

(1) l-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu għall-individwi u l-entitajiet elenkati fl-Annessi I, jew li huma proprjetà tagħhom, miżmuma minnhom jew ikkontrollati minnhom, inkluża terza persuna li taġixxi f'isimhom jew bid-direzzjoni tagħhom u l-projbizzjoni (fuq kulħadd) mit-tqegħid ta' fondi u riżorsi ekonomiċi għad-disponibbiltà, sew direttament jew sew indirettament, tal-individwi u tal-entitajiet elenkati jew għall-benefiċċju tagħhom (l-Artikoli 2 u 2a); u

(2) il-projbizzjoni li jkunu pprovduti, direttament jew indirettament, pariri tekniċi, assistenza jew taħriġ relatati ma' attivitajiet militari, inklużi b'mod partikolari taħriġ u assistenza relatata mal-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' armi u materjal relatat tat-tipi kollha, lill-individwi jew l-entitajiet elenkati fl-Anness 1 (l-Artikolu 3).

4. L-Artikolu 7a tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jipprevedi proċess ta' rieżami fejn il-persuna jew l-entità elenkata jkollha l-opportunità li tesprimi l-opinjonijiet tagħha dwar il-kwistjoni. Meta jiġu ppreżentati l-kummenti, il-Kummissjoni tirrieżamina d-deċiżjoni tagħha li tinkludi l-persuna jew l-entità fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 fid-dawl ta' dawn il-kummenti. Individwi u entitajiet miżjuda mal-Anness I bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/819 jistgħu jagħmlu talba lill-Kummissjoni biex tikkomunikalhom ir-raġunijiet għall-inklużjoni tagħhom fil-lista. Din it-talba u l-osservazzjonijiet eventwali jenħtieġ li jintbagħtu lil:

Il-Kummissjoni Ewropea
"Miżuri restrittivi"
Rue de Spa
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

5. Qed tingħibed ukoll l-attenzjoni tal-individwi u tal-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li jikkontestaw ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2026/819 quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fir-raba' u fis-sitt paragrafi tal-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

6. Biex ikun hemm ordni tajba, qed tingħibed l-attenzjoni tal-individwi u l-entitajiet inklużi fl-Anness I għall-possibbiltà li jagħmlu rikors lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat(i) Membru/i rilevanti, kif elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, sabiex jiksbu awtorizzazzjoni biex jużaw fondi ffriżati u riżorsi ekonomiċi għal bżonnijiet essenzjali jew pagamenti speċifiċi f'konformità mal-Artikolu 2a ta' dak ir-Regolament.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/819 tal-1 ta' April 2026 li jemenda għat-355 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati mal-organizzazzjonijiet ISIL (Da'esh) u Al-Qaida (ĠU L, 2026/819, 1.4.2026. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/819/oj).

([3]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/881/oj.